# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Erbgha 22 ta' Marzu, 2016

**Talba Nru: 759/15 DMA**

**Mobisle Communications Limited (C 24655) u b'digriet tat-Tribunal tal-5 ta' Frar, 2016 is-Socjeta' Mobisle Communications Limited giet amalgamate fis-socjeta' Go p.l.c. (C 22334) qed tassumi l-Atti minflokk Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Borg Brian George**
**(ID. 10576M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Settembru, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmin mija u sebgha u hamsin ewro u erbghin centezmu (€857.40) liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizz ta' kommunikazzjoni (mobile bin-numru 99337799) li jgib l-akkont numru A/C 40164694 u (mobile bin-numru 79654215) li jgib l-akkont numru A/C 51109949 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti moghtija mis-socjeta' attrici skond l-annessi dokumenti 'mmarkati:

- Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont numru A/C 40164694;
- Dok IZY3 u Dok IZY4 – prospett u ftehim ghall-akkont numru A/C 51109949;
- Dok IZY5 – estratt mir-Registru Elettorali;

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjanti u ghalhekk kellha ‘ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konevnut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Charmaine Wifen ghas-socjeta' attrici li ‘kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta’ tmin mija u sebgha u hamsin ewro u erbghin centezmu (€857.40) ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta’ tmin mija u sebgha u hamsin ewro u erbghin centezmu (€857.40) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**